17 ta’ Diċembru 2024

Stqarrija tal-MUT

Dimostrazzjoni tal-MUT quddiem il-Ministeru tal-Edukazzjoni

F’dan iż-żmien ġewwa l-bini tal-Ministeru jkun hawn xi festin jew tnejn. Iżda għalina ma hemmx festini u mhux qed nippretenduhom. L-ikbar festin li seta’ jsir kien li jingħalaq dan il-ftehim. Iżda dan għadu ma seħħx. Minflok, qed nagħmlu dimostrazzjoni biex nuru d-diżappunt u r-rabja tagħna għal dak li seħħ fl-aħħar jiem u f’dawn it-tliet snin kemm ilu li skada l-ftehim.

Tliet snin li fihom l-MCAST ma riedx jieħu deċiżjonijiet dwar il-ftehim. Tliet snin li fihom il-Ministeru tal-Edukazzjoni ma riedx jieħu pożizzjoni dwar il-ftehim. Iżda wara tliet snin sabu min jieħu d-deċiżjonijiet. Kienet Dr Joyce Cassar, li daħlet dan l-aħħar fin-negozjati u li fl-aħħar laqgħa qaltilna li d-deċiżjonijiet ħadithom u qed tirrifjuta kull proposta li fadal. U aħna għedna x’ġara, meta lejlet konna qed naraw kif ser nagħlqu dan il-ftehim? Tgħid xi ħadd fuqha ġegħelha tagħmel dan tant li rrekordjat lilha nnifisha bħala prova? Tgħid xebgħet tisma’ dwar il-ftehim?

U wara ftit tas-sigħat bdejna nisimgħu n-narrattiva kattiva fil-konfront tal-membri tagħna. Narrattiva li żżeblaħ ix-xogħol tant siewi li jagħmlu l-membri tagħna fl-MCAST.

Ejja nsemmu x’jagħmlu:

Jgħallmu, jippreparaw, jikkordinaw it-tagħlim, jikkoreġu, jassessjaw, jgħinu l-istudenti fit-tagħlim, jgħinu l-istudenti fl-aspetti pastorali, jagħtu gwida dwar il-karrieri, jagħtu l-counselling, jippreparaw il-laboratorji u l-workshops, jaraw li s-saħħa u s-sigurtà tal-istudenti jkunu mħarsa, imorru mal-istudenti fil-postijiet tax-xogħol, jimmonitoraw l-attendenza biex l-istudenti ma jaqgħux lura, jagħmlu r-riċerka dwar it-tagħlim, jagħmlu proġetti biex isaħħu t-tagħlim, u mitt elf ħaġa oħra.

Fuq kollox dak li jagħmlu l-membri tagħna f’dan il-ftehim hu li jħobbu l-istudenti tagħhom u jagħmlu minn kollox biex jarawhom jirnexxu. Din hi l-professjoni tagħna. U ħażin min ikażbarha għax ikun qed ikażbar lil uliedu u lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Illum stajt niġi b'lista sħiħa ta' dak li ntqal mill-gvern biex ikażbar il-ħidma tagħna u nirrispondi għal kull waħda bil-fatti. Stajt ukoll nagħmel lista ma tispiċċax tal-ħtijiet tal-gvern li wassluna sa hawn.

Stajt insemmi li dan il-ftehim kellu jibda jiġi nnegozjat mill-ġdid ħames darbiet għaliex il-gvern bidel ħames mexxejja tan-negozjati wara xulxin matul dawn it-tliet snin. Stajt insemmi li l-gvern keċċa l-Prinċipal u l-President tal-MCAST dan is-sajf allegatament minħabba dan il-ftehim. Stajt insemmi li l-gvern ma jinteressahx mill-kwalità tat-tagħlim tant li naqqas drastikament is-sigħat tat-tagħlim għal kull unit mgħallem fl-MCAST.

Stajt insemmi wkoll li l-Prinċipal il-ġdid tal-MCAST ma riedx ikollu x'jaqsam mal-ftehim tant li heddidna bil-passi legali meta nħatar. Stajt insemmi li dan il-ftehim ġie mitfuħ fit-tribunal industrijali għaliex il-gvern ma riedx jinnegozjah, u wara pressjoni reġa' bdielu. Nista' nibqa' għaddej, iżda bili nagħmel hekk m'aħna se naslu mkien.

Minflok, nixtieq li nagħmlu appell. Appell lill-Ministru tal-Edukazzjoni Clifton Grima.

Ministru, ir-responsabbiltà tal-MCAST hija tiegħek. Jiġri x'jiġri f'dawn in-negozjati, il-membri tagħna huma l-impjegati tiegħek. Lilek jafu bħala l-Ministru tagħhom, u minnek iridu. Iridu li tifhimhom u taħdem għas-soluzzjonijiet sabiex jintlaħaq il-ftehim. Iridu li jaraw li jekk ħadd ma jimpurtah minnhom, għall-inqas inti jimpurtak. Iridu li tismagħhom u tpoġġi lilek innifsek fiż-żarbun tagħhom. Iridu li ma tħalli lil ħadd ikażbar ix-xogħol tagħhom, għax ikun qed ikażbar lill-impjegati tiegħek.

Ministru, la tħallix lil min ikażbar il-professjoni tagħna, għax hi l-vokazzjoni u l-għajxien tal-familji tagħna. La tħallix li min qatt ma daħal l-MCAST jiddetta x'għandu jkun fih dan il-ftehim. La tħallix lil min jrid jarmi snin ta' negozjati, biex jidher li fl-aħħar xi ħadd iddeċieda. La tħallix li l-ħidma tajba li saret u qed issir fl-MCAST tibqa' tiġi mtappna minn ftehim li mhux qed jiġi konkluż.

Aħna lesti li niltaqgħu, lesti li ninnegozjaw, lesti li nippjanaw flimkien l-għeluq ta' dan il-ftehim, iżda r-rieda u l-ħidma biex dan iseħħ trid tiġi wkoll minnek, Ministru.

Sadanittant il-membri tagħna, l-impjegati tiegħek, ser ikomplu jagħmlu xogħolhom bl-aħjar mod. Ħadd mhu ser itihom lura t-tliet snin li għaddew. Ħadd mhu ser itihom

kundizzjonijiet imtejba bi tliet snin lura. U dawn it-tliet snin ser jibqgħu jiftakruhom bħala żmien ikrah fil-professjoni tagħhom. Iżda dak li ser jiġri mil-lum 'il quddiem jiddependi minnek, Ministru. Tiddiżappuntaniex!

Grazzi.